# Postijiet għat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja fit-Tieni Sena Kindergarten

F'Novembru 2017 saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2018-2019. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw u kemm baqa' postijiet vakanti għat-Tieni Sena Kindergarten.

## It-Tieni Sena Kindergarten Subien

It-total ta' postijiet vakanti għat-tieni sena kindergarten subien huwa ta' sitta u tmenin (86) post.

Għat-tieni sena kindergarten subien kellna dan it-total ta' applikanti:

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1b Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 7 |
| *1ċ Aħwa* | 24 |
| *Tfal tal-ewwel kriterju li għandhom bżonn l-għajnuna ta' LSA* | 3 |
| *Każijiet Serji Refuġjati* | 1 |
| *Total ta' applikanti tal-ewwel kriterju subien* | **35** |

Tlett applikanti każijiet serji talbu trasferiment bejn skejjel tal-istess entità reliġjuża. Dawn ma jitnaqqsux mit-total ta' postijiet vakanti għaliex filwaqt li jistgħu jokkupaw post fi skola oħra, iħallu post vakanti fl-iskola fejn jattendu.

Meta mit-total ta' postijiet vakanti (86) innaqqsu t-total ta' postijiet okkupati (35), dan iħalli total ta' wieħed u ħamsin (51) post vakanti.

Fost l-applikanti oħra jkun hemm aħwa li qed japplikaw għall-istess sena, tewmin, jew għal snin tad-dħul differenti (Ara r-Regolamenti para. 3.1). Meta wieħed minn dawn l-aħwa jirreġistra fi skola, iż-żgħir jikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

## Każijiet Serji Subien

Il-Kulleġġ ta' San Alwiġi qed joffri 3 postijiet għas-subien li għandhom bżonn l-għajnuna ta' Learning Support Assistant (LSA) u se jiġu aċċettati l-applikanti tal-Ewwel Kriterju. Infakkru li l-bqija tal-klassijiet tat-Tieni Sena Kindergarten fl-iskejjel l-oħra kinder qed jimtlew bit-tfal li daħlu fl-ewwel sena kindergarten is-sena l-oħra, inkluż tfal li għandhom bżonn l-għajnuna ta' Learning Support Assistant. Għalhekk f'dawn il-klassijiet m'hemmx post għal aktar

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2779 0060
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

studenti li għandhom bżonn l-għajnuna ta' LSA u b'dispjaċir ninfurmawkom li mhux jintlaqgħu applikazzjoni għal subien tat-Tielet Kriterju "Applikanti Oħra" li għandhom bżonn l-għajnuna ta' Learning Support Assistant.

Mill-banda l-oħra se jkunu qed jintlaqgħu applikazzjonijiet f'każ ta' Revision of Statement għal tneħħija ta' LSA (Ara r-Regolamenti para. 2.3) u Każijiet Soċjali.

### It-Tieni Sena Kindergarten Bniet

It-total ta' postijiet vakanti għat-tieni sena kindergarten bniet huwa ta' tliet mija, tlieta u erbgħin (343) post.

Għat-tieni sena kindergarten bniet kellna dan it-total ta' applikanti tal-ewwel kriterju:

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---:|
| *1b Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 19 |
| *1ċ Aħwa* | 62 |
| *Tfal tal-ewwel kriterju li għandhom bżonn l-għajnuna ta' LSA* | 4 |
| *Każijiet Serji Refuġjati* | 4 |
| *Total ta' applikanti tal-ewwel kriterju bniet* | **89** |

Tlett applikanti talbu trasferiment bejn skejjel tal-istess entità reliġjuża, Kriterju 1d, u dawn ma jitnaqqsux mit-total ta' postijiet vakanti għaliex filwaqt li jistgħu jokkupaw post fi skola, iħallu post vakant fl-iskola fejn jattendu.

Meta mit-total ta' postijiet vakanti (343) innaqqsu n-numru ta' postijiet okkupati (89) dan iħalli total ta' mitejn, erbgħa u ħamsin post vakanti (254).  Se jiġu aċċettati xi każijiet serji bniet skont it-tielet kriterju, għalhekk it-total ta' postijiet vakanti jonqos.

Fost l-applikanti oħra jkun hemm aħwa li qed japplikaw għall-istess sena, tewmin, jew għal snin tad-dħul differenti (Ara r-Regolamenti para. 3.1). Meta wieħed minn dawn l-aħwa jirreġistra fi skola, iż-żgħira tikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa.  Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

### Konklużjoni

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri ta' postijiet vakanti. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja**
**2 ta' Frar 2018**

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2779 0060
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**